MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2408/2002

**Pace & Pace Company Limited**

**Vs**

**Anthony Boyianzis**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm102.73c (mija u zewg liri Maltin u tlieta u sebghin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Pace & Pace Company Limited in rigward ghal xoghol ta' tabelli u signs maghmulin u kkonsenjati mis-socjeta' attrici lill-konvenut u dana fuq ordni tal-konvenut stess.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci ;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------